

27.4.2015

0017/2015

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-ġlieda kontra l-kanċer tas-sider fl-Unjoni Ewropea

**Nessa Childers (S&D), Simona Bonafè (S&D), Anna Záborská (PPE),  
Lidia Joanna Geringer de Oedenberg (S&D), Françoise Grossetête (PPE),  
Marisa Matias (GUE/NGL), Emma McClarkin (ECR), Biljana Borzan  
(S&D), Alojz Peterle (PPE), Miriam Dalli (S&D)**

Data ta' skadenza: 27.7.2015

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-ġlieda kontra l-kanċer tas-sider fl-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>**

1. Hu importanti li jkun disponibbli mal-pajjiż kollu eżami mammografiku u jitwaqqfu taqsimiet speċjalizzati multidixxiplinarji għas-sider (SBU) sal-iskadenza tal-2016, kif talab il-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-2003 u l-2006 u kif mitlub mil-Linji Gwida Ewropej għall-Garanzija tal-Kwalità fl-Iskrining u d-Dijanjożi tal-kanċer tas-sider (ir-raba' edizzjoni) sabiex titnaqqas ir-rata tal-imwiet għal pazjenti tal-kanċer tas-sider – 91 495 mara fl-UE mietet minħabba kanċer tas-sider fl-2012;
2. Fost mijiet ta' eluf ta' nisa dijanjostikati bil-kanċer tas-sider kull sena – 367 090 fl-2012 – dawk tal-kanċer metastatiku tas-sider għandu jkollhom aċċess għal SBU u jiġi ttrattati fiha, filwaqt li l-ħtiġijiet kontinwi tagħhom għal kura u servizzi psikosoċjali għandhom ikunu kkordinati u sostnuti mill-SBU skont il-linji gwida tal-UE.
3. Il-Kummissjoni għaldaqstant hi mitluba tiżgura li l-proġett ECIBC (Inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Kanċer tas-Sider) joffri protokoll ta' akkreditazzjoni għas-servizzi tal-kanċer tas-sider sal-2016; dan il-Protokoll għandu jiżgura li l-programmi tal-eżamijiet mammografiċi u l-SBUs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Linji Gwida attwali tal-UE u dawk tal-verżjoni aġġornata li jridu jintlaħqu mill-ECIBC fl-2015.
4. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.